**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

Illum, 21 ta' Ottubru, 2016

**Il- Pulizija**
**(Spettur Louise Calleja)**
**(Spettur Jessica Grima)**

**-vs-**

**Georgia Seguna, detentrici tal-karta tal-identita numru 105071M.**

Kumpilazzjoni Nru. 1442/2011

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputata Georgia Seguna talli:

1. F'dawn il-Gżejjer, f'San Pawl il-Baħar, nhar l-10 ta' Diċmebru 2011, ikkaġunat ġrieħi ta' natura ħafifa fuq binha omissis ta' seba' xhur;
2. Meta kien fid-dmir tagħha li tieħu ħsieb lit-tifel tagħha omissis ta' seba' xhur, persuna li ma kienx kapaċi jieħu ħsieb tiegħu nnifsu, naqset li tieħu ħsiebu kif tinħtieġ lill-istess tifel tagħha minuri;
3. Abbandunat jew ħalliet espost it-tifel tagħha omissis ta' seba' xhur;
4. F'lok pubbliku jew miftuħ għall-pubbliku, kienet tinsab f'sakra b'mod li ma kienitx tista' tieħu ħsieb tagħha nnifisha, jew f'lok pubbliku jew miftuħ għall-pubbliku, keinet tidher biċ-ċar fis-sakra waqt li kellha il-hsieb tat-tifel tagħha omissis ta' seba' xhur; u
5. Għad li kienet xurbana, qalet fil-pubbliku xi kliem oxxen jew indiċenti, jew għamlet atti jew ġesti oxxeni, jew b'xi mod ieħor, offendiet il-morali, l-imġieba xieraq jew id-deċenza pubbblika.

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u li l-imputata m'ghandha l-ebda oggezzjoni biex il-kaz jigi hekk trattat.

Semghet ix-xhieda.

Semghet is-sottomissjonijiet finali.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat:
Illi qabel xejn irid jinghad illi ghalkemm din il-kawza tirrigwarda reati li allegatament sehhew f' Dicembru, 2011, l-istess kawza giet mismugha minn din il-Qorti, kif diversament presjeduta, u l-ewwel udjenza quddiem din il-Qorti, kif preseduta, giet mizmuma fl-4 ta' Frar, 2016.

Illi l-imputata tinsab akkuzata primarjament b'abbandun jew esposizzjoni ta' binha omissis, tifel taħt is-seba' snin, talli ghamlet offiza fuqu kif ukoll b' reati kontravvenzjonali.

Illi PS419 Anton Buttigieg xehed li hu gie mgharraf bil-kaz wara telefonata mill-Miracles Bar, Bugibba, li fil-bar kien hemm mara fis-sakra u maghha kellha tarbija. Hekk kif wasslu fuq il-post sabu lill-imputata fuq in-naha ta' gewwa nett <u>bit-tarbija fil-pushchair</u>, liema tarbija fuq ghajnejha ix-xellugija kellha tbengila. Waqt li kellimha hi hadet ftit inbid u hu seta' jara li din kellha riha qawwija ta' xorb. Jghid li Engelbert Debono, il-*barman,* kien qallu li l-imputata kienet xorbot mas-6 tazzi nbid f'45 minuta. Zied jinfurmah li kienet poggiet it-tarbija fuq banketta minn fejn din waqghet u hi lanqas kienet indunnat b'xejn tant li kienu n-nies li gabruhilha. Qallu li hi regghet tellghet il-baby fuq l-istess bankina u meta kien ser jaqa' zammewulha in-nies. Kien ghalhekk li ssejjhet il-pulizija fuq il-post.[1] Is-surgent jixhed kif meta beda jkellem l'omm biex jikkonsta x'gara din bdiet bdiet tghajjat u twerzaq u anke intqal kliem mhux xieraq dovut ghall-fatt li hasbet li ser tittiehdilha t-tarbija u tinghata lill-missier. Minhabba l-attitudini taghha hi giet arrestata. Jghid li meta ha t-tarbija l-Polyclinic it-tabib ried izzomm lit-tarbija ghall-osservazzjoni u baghatha Mater Dei fejn inzammet fil-Fairyland Ward.

[1] Fol.18

Illi PC688 Josmar Muscat jikkonferma li meta gie f'kuntatt mal-imputata dan kien fil-bar u t-tarbija kienet fil-pushchair. Jghid li l-imputata *"kellha riha qawwija ta' xorb u jigifieri anke kif bdiet titkellem, ma jiftihemx, ilaqlaq."*[2] Ikompli *"…Kellha griehi f'rasha izda [it-tabib tal-policlinc] rreferiha Mater Dei. Hadniha Mater Dei ghal iktar ezamijiet u matul il-lejl giet mizmuma fis-sala tal-Fairyland."*[3]

Illi dwar dan il-Qorti hi perplessa ghall-fatt li t-tabib li ezaminha lit-tarbija, Dr Ramon Scerri mill-Poliklinika tal-Mosta, hu kategoriku meta mistoqsi jekk it-tarbija inzammitx l-isptar *"Ma naf xejn fuq hekk, jien irrilaxxajt certifikat, jien ma baghthiex l-isptar."*[4] Jidher ghalhekk li t-tarbija ittiehdet l-isptar fuq inizjattiva tal-pulizija fejn hemmhekk inzammet ghall-osservazzjoni.

Illi l-istess tabib, Dr Ramon Scerri, ikkonferma certifikat mediku[5] fejn sab li t-tarbija *"kellu tbengila u daqxejn nefha fuq quddiem ta' mohhu."* Jghid izda li *"l-baby deher tajjeb, kien konxju, kien alert, ma kienx jidher distressjat, ma kienx imdejjaq."*[6] Il-gundalla li kellu kienet saret fl-ahhar 24 siegha mill-hin tal-ezami u jiddikjara li ma rax li kien hemm bzonn referral ghll-isptar. Il-griehi hu kklasifikhom bhala ta' natura hafifa.

Illi l-Ispettur Louise Calleja li flimkien mal-ispettur Jessica Grima investigat dan il-kaz xehdet li l-imputata ttiehditilha stqarrija[7] jumejn wara li sehh il-kaz, fejn hi baqghet tinsisti li kull ma hadet kienet tazza inbid fil-bar u ohra mid-dar minnfejn hi harget f'xi hin wara is-7pm. Tghid li meta marret biex tixtri t-tieni tazza nbid wasslu l-pulizija. Seguna spjegat kif marret fil-bar ghax hassitha wahedha, kienet giet abbandunata minn missier it-tarbija u l-fatt li kien qed joqrob il-Milied ma ghenx is-sitwazzjoni. Xtaqet tmur fejn familtha l-Ingilterra biex ma tibqax wahedha izda l-partner taghha ghamilha mandat sabiex t-tarbija ma tithalliex tallontanaha ruha minn Malta. Ma ftakrietx li kienet fis-sakra *"Ghal ftit sekondi kont happy fil-bar u nghid li kont elated mhux drunk."* Lanqas ma setghet tiftakar li t-tarbija waqghet minn fuq il-banketta. Ittemm l-istqarrija taghha billi tkompli turi

[2] Fol.42
[3] Fol.43
[4] Fol.15
[5] Dok. JG2; Fol.12
[6] Fol.14-15
[7] Dok. JG1, a fol. 10-11

kemm hi bzonn tal-ghajnuna *"Il-gimgha l-ohra cempilt l-Appogg biex jghinuni."*[8]

Illi l-Qorti ma tistax hlief tinnota li tul l-istqarrija taghha l-imputata ma ppruvatx tahbi ghemilha anzi kienet konsistenti u fejn ma ftakritx dettalji qalet daqstant. Mill-istess stqarrija tohrog b'vuci cara karba ghall-ghajnuna ta' *single mother* li mhux talli thalliet tiffaccja l-hajja b'tarbija waheda izda giet mcahhda u impeduta milli tfittex u tikseb l-ghajuna ta' familjari taghha, tenut kont tal-fatt li familtha tghix l-Ingilterra u li l-partner taghha ma riedx jiccahhad minn ibnu.

Illi Joseph Antoncich, *social worker*, xehed l-ewwel darba fil-5 ta' Marzu, 2012, fejn jaghti *insight* dettaljat tas-sitwazzjoni xejn pjacevoli li c-cirkostanzi tal-hajja kkostringew lill-imputata tiffacja waheda. Jghid li meta indagaw mall-isptar dwar dak li gara lit-tifel *"ma kellux xi tip ta' injuries jew affarijiet inkwetanti hafna"*[9] u allura gie deciz issir *monitoring* tas-sitwazzjoni. L-imhabba ghal, u l-ansjeta` dwar sahhet, binha timmanifesta ruha f'din ix-xhieda, fejn simili ghal dak li kienet tenniet fl-istqarrija taghha baqghet konsistenti u tghid li kienet hadet tazza nbid wahda *"u qisha din il-haga baqghet konsitenti throughout id-drabi l-ohra li tkellimna."*[10]. Jigi sottolinejat li l-konsistenza ta' rakkont, izjed u izjed fuq medda ta' zmien, jimmilita favur il-konvinciment morali li dak li qed jinghad ghandu mis-sewwa! Fil-fatt sa meta tixhed ghll-ewwel darba tlett snin u nofs wara l-imputata terga` tikkonferma li kull ma hadet kienet tazza nbid.[11]

Illi ix-xhud ikompli *"din ma ghandhiex nies li jissaportjawha kemm finanzjarjament u kif ukoll naqra emozjonalment u socjalment…qieghda wahedha, single mother u d-diffikulta` taghha biex tikkowpja ma diffikultajiet ohrajn socjali ….tirrikori ghal alcohol bhala mezz biex ittaffi, biex tinsa…hafna mill-istress taghha huwa relatat mal-familja tieghu. Jigifieri li kieku l-familja tieghu jakkomodaw ftit iktar, jghinu ftit iktar, ikunu ftit iktar jifhmu s-sitwazzjoni taghha in-need illi tirrikorri ghal alcohol kapaci jonqos ukoll. U l-frustrazzjoni u l-ansjeta` kollha li jkollha tonqos ukoll."*[12] Ikompli *"l-anzjeta hija relata mal-mod kif jitrattawha, kif jitkellmu maghha, jigifieri certu diskors bhal li jghidulha inti Miss jew Mrs inti? Inti speci ma jimpurtakx mit-tifel. Hafna diskors…..dispreggjattiv. Minn dan it-tip…"* Ghalkemm dan kollu *hearsay* indubbjament isservi ta'

[8] Fol.11
[9] Fol.28
[10] Fol.29
[11] Fol.107
[12] Fol.31

sfond biex wiehed jipprova jifhem x'wassal lill-imputata biex tohrog u tipprova tgawdi ftit hin fejn il-problemi jintnessew; l-izball kien li hadet maghha lill-binha ghalkemm jidher li ma kienx hemm ma min setghet thallih.

Illi jinghad ukoll li x-xhieda tas-*social worker* tassumi rilevanza u ghalhekk qed tigi prestatata attenzjoni kbira ghaliha sabiex, f'kaz ta' sejbien ta' htija, dawn il-fatturi jitiehdu bhala konsiderazjonijiet dwar il-piena li potenzjlament tigi erogata. Ix-xhud jispjega li meta ltaqa mal-imputata fit-3pm hi kellha tazza whisky u din il-laqgha kienet wahda ippjanata. Certament dan juri kemm l-imputata hi nieqsa minn kwalunkwe hazen, karatteristika essenzjali fit-trobbija tal-ulied u dan minkejja id-daqqiet ta' harta u gambetti li l-hajja kapaci taghti. Fil-fatt jikkonferma *"**It-tifel bhala parenza jidher tajjeb jigifieri mitmugh tajjeb, liebes sew, nadif, jigifieri no concerns minn dik in-naha. Hwejjeg u affarijiet tat-tifel kellha u wrietni halib…Ma jonqsu xejn.**"*[13] Finalment dwar l-imputata jghid *"hi tikkopera hafna mieghi u tirrispettani fix-xoghol li naghmel jiena. Jigifieri qatt ma kienet arroganti mieghi, qatt ma kienet pastaza.* ***Dejjem ikkoperat.**"*[14]

Illi Joseph Antoncich rega' xehed f'Gunju, 2012, fejn spjega l-ghajnuna li Seguna bdiet tinghata kemm minghand is-Sedqa dwar il-problema taghha tal-alcohol kif ukoll *"biex kemm jista' jkun nghinuha tiddilja hafna bl-ansjeta` li qed ikollha, partikularment ikkawzata minn tal-familja, specjalment minn nanniet. Jigifieri jaghmlu hafna demands fuqha u jippruvaw jaghmlu l-hajja mat-tifel difficli hafna….**Nghid illi she has come a long way minn dak iz-zmien….kemm ilni niffolowjaha, gieli immur ghal gharrieda d-dar taghha…She's come quite a long way. Qatt ma ergajt sibtha fis-sakra. Qatt ma ergajt sibtha li xorbot jigifieri hadmet hafna.**"*[15] Dwar it-tifel jinghad *"Tibghat lit-tifel ic-child care centre. Ikkurat tajjeb. Kuntenti hafna bih hemmhekk…**It-tifel kull darba li rajtu jidher li kkurat tajjeb. Jidher kuntent, jitbisssem, jifrah bik.**"* Ix-xhud rraporta lill-qorti li l-problema finanzjarja li sabet ruhha fiha l-imputata hi kawzata mill-manteniment baxx hafna li missier binha jtiha. *"Minn naha tal-missier hemm koperazzjoni. Id-diffikulta tinhass meta jindahhlu mbaghad in-nanniet…Id-diffikulta' generalment insibha iktar min-naha tal-familja ta' Edward, imma mill-genituri tieghu iktar milli minghandu…[izda hu] …Ma tantx ghandu say no."*[16] Fir-

[13] Fol.34
[14] Fol.36
[15] Fol.47-48
[16] Fol.50-51

rigward tal-imputata jerga jtenni *"**Nista' nghid li hadmet hafna u stinkat hafna fuq id-diffikultajiet taghha li forsi rari li taraha fil-klijenti taghna**."*[17]

Illi xehed Albert Mario Briffa li kkonferma li kull ma jaf *"Fuq dan l-incident milli qalli t-tifel u rajt fuq l-internet."*[18] Jghid li ghalkemm l-imputata kienet baghtet xi sms's insolenti hu kien haffrilha.[19] Xehdet ukoll Joanna Briffa, in-nanna ta' omissis, li lmentat li l-imputata gieli naqset milli taghti l-access ghal omissis, izda tikkonferma *"It-tarbija le. Qatt ma rajtha fi stat ta' traskuragni."* kif ukoll li l-incident kien *a one-off* *"Biss darba"*.[20]

Illi Edward Briffa, missier omissis, jiddeskrivi kif dakinhar tal-incident kien id-dar u cempillu siehbu (li ghalkemm jibqa ma jissemmiex b'ismu l-qorti xorta wasslet sabiex tiddetermina l-identita` tieghu bhala dik tal-barman Engelbert Debono), li nfurmah li l-imputata kienet il-Miracles ma binha u kienet qed tirrabja mieghu u riedet twaddablu (lil siehbu) siggu.[21] Mar fuq il-post u sabha hemm bil-*pushchair* warajha; **dan kien ghal xil-11pm**. Il-barman, li jghid ma jafux, qallu li kienet waqghet it-tarbija kienu cemplu ghall-pulizija. Dwar it-trobbija ta' ibnu jghid li t-tifel dejjem nadif kkurat sew u li l-imputata jidher li qed tiehu hsiebu.[22]

Illi Engelbert Debono xehed li meta sehh is-sinistru hu kien jahdem bahal barman fil-Miracles Bar, Bugibba. Jghid li kien ghadu kif dahal xoghol *"ghal xi **sitta ta wara nofsinhar**…kien hemm dik is-sinjura kienet qeghda tixrob normali kienet qeghda bit-tarbija…first she was outside the bar …..imbghad kif fit-tmienja jkollna id-djs dahhlet gewwa."*[23]Ghalkemm qalilha biex tohrog lit-tarbija minhabba is-*sound* din baqghet geewa u poggiet it-tarbija fuq banketta minn fejn ftit wara waqghet. Jghid li ma baqax isserviha drinks *"Ghax spiccat giet hazin fis-sakra."* Ikompli *"Tefghatu literalment fuq il-bar meta t-trabija qed tibki u bdiet isawtu. Mbaghad meta kien qieghed on top of the bar….Bdiet ittih naqra biex iqum fuq tieghu…Ghax jiena ghalija kien naqra mitluf,* ***u jien indunajt mill-ewwel u kif rajt hekk jien inhraqt u cempilt lil habiba tieghi li hija pulizja, u gew mill-ewwel****, il-bicca hija li hi kif telghatu hu qed jibki."*[24] Dwar kemm xorbot jghid *"jiena kull ma tajtha tliet tazzi biss"*[25]

---

[17] Fol.48
[18] Fol.55
[19] Fol.59
[20] Fol.61-62
[21] Fol.65
[22] Fol.70
[23] Fol.92
[24] Fol.94

u li meta waqghet it-tarbija l-imputata kienet qed thares x'imkien iehor *"u kif ratha inharqet u bdiet tinharaq mat-tarbija….flok tghin lit-tarbija bdiet iktar taghmel kontra."* Ghalkemm ma jigix spjegat kif bdiet 'tinharaq' mat-tarbija u 'taghmel kontra' aktar il-quddiem jghid *"Ovvjament jiena nghid il-verita` ma bdietx isawtu qisha ha toqtlu jew hekk, bdiet ittih biex jieqaf jibki."*[26]

Illi x-xhud jghid li meta beda ix-shift tieghu fis-6pm l-imputata kienet diga fi stat ta' sokkor izda jikkonferma li *"Jiena tajtha tliet tazzi ohra nbid fis-shift tieghi,"*. Dwar it-time-line ta' kif graw l-fatti jghid li ma kienx hemm securities fil-bar peress li dawn jibdew ix-shift taghhom fid-9pm. Jghid li t-**tarbija waqghet *"Xi tmienja u nofs qisu"*.**[27] **Dan ifisser li bejn il-hin li waqghet it-tarbija u meta dahhlet it-telefonata l-Ghassa ghaddew minn tal-inqas saghtejn u nofs.** Kien dan l-istess xhud li qal li ***"u jien indunajt mill-ewwel u kif rajt hekk jiena inhraqt u cempilt lil habiba tieghi li hija pulizja, u gew mall-ewwel,".***[28] Il-Qorti tinnota li l-Current Incident Report jaghti l-hin li dahhlet it-telefonata l-ghassa biex jirraportaw l-incident kien il-**22:45hrs.**[29] Jekk il-komportament tal-imputata kien daqshekk xokkanti fejn hi kienet tidher fi stat ta' sokor u fejn it-tarbija kienet qed tigi perikolata sahhitha, ghaliex hemm din l-istennija ta' l-fuq minn saghtejn sabiex issejjhu l-Pulizija?

Illi bejn ix-xhieda ta' Briffa u dik ta' Debono johorgu bosta kontradizzjonijiet u inkonsistenzi:

- Edward Briffa jghid li mar fuq il-post wara li kien cempillu siehbu, l-barman, li qallu li l-imputata *"Kienet bdiet tirrabja mieghu, Qalli wkoll li riedet twaddablu siggu..........Ghidtlu gej issa jien"*. Briffa jghid li wara li wasal fuq il-post u gie nfurmat bdak li sehh il-barman *"qalli dan il-baby waqa'. Poggietu fuq l-istool. Waqa'.* ***Qalli x'naghmlu issa? Incemplu l-pulizija? Ghidtlu iva."*** Mhemmx dubbju li dak li Briffa jirreferi bhala siehbu[30] ma kien hadd ghajr Debono u dan jirrizulta li d-diskors li ntqal lilu dwar id-dinamika tal-incident kien jirrifletti ix-xhieda li ta' Debono: *"Difiza: Dan id-diskors inti min qalulek?*
  *Xhud: Min cempilli?*
  *Difiza: ….. Inti ghidtli li kien hemm persuna li qaltlek li waqa'*

[25] Fol.95
[26] Fol.98
[27] Fol.97
[28] Fol.94
[29] Fol.22
[30] Fol. 64-.65

*Xhud: Il-barman."*[31]

- Issa galdarba Debono, il-barman, cempel lil Briffa, dan ifisser li kellu in-numru tieghu. Allura kif jista' Briffa jitwemmen meta jghid li l-barman ***"Le ma nafux."*** [32] Min naha tieghu, Debono meta mistoqsi rax lill-missier it-tarbija dakinhar jichad kategorikamnet *"Le"*. Mistoqsi qatt iltaqa mieghu *"Gieli ntqajt mieghu"*[33] f'okkazzjonijiet ohra. Jghid ukoll li *"Le mhux nafu nitkellmu gieli rajtu jixrob hekk mill-wicc just from the sight…u ghadni ma nafux sal-gurnata tall-lum"*[34]

- Diga gie nnutata li kienu ghaddew aktar minn saghtejn minn meta mir-rakkont ta' Debono stess kienet waqghet it-tarbija sal-hin li hu jghid cempel lill-Pulizija. Ma jridx jintnesa li fi kliem Debono it-tarbija waqghet *"Xi tmienja u nofs qisu"*[35]Ma jsemmix izda Debono li kien hu li tkellem mal-parte leza Briffa u rrakontalu x'kien gara u kif kien waqa' ibnu, u li dduskettew jekk kienx hemm bzonn idahhlu l-pulizja jew le! Jidher li dan stenna sakemm jasal Briffa fuq il-post u kien hemm li gie deciz iccemplu lill-Pulizija. Anke hawn minflok cempel l-Ghassa jew id-Depot hu ghazel li jcempel lil siehbitu. Ghaliex? Jekk ma kienx jafu kif kellu n-numru tat-telefon tieghu?

Iqumu hafna mistoqsijiet jekk wiehed jislet ix-xhieda ta' Debono u ta' Briffa. Ghaliex mhemmx qbil dwar jekk kienux jafu lil xulxin? Ghaliex mhemmx qbil dwar jekk Briffa kienx mar il-Miracles Bar u hu, il-barman, irrakontalu dak li gara? Kien Debono stess li xehed li l-imputata bdiet tiggieled mieghu u Briffa jghid li meta meta cempillu *''siehbu"*[36] dan qallu li l-imputata riedet titfallu siggu w li kienet irrabjata mieghu.[37] Ma jirrizulta li l-imputata ma kellha dizgwid ma hadd iktar ghajr ghal Debono li jghid: *"Hi bdiet tghajjat mieghi u tghidli ma nafx x'jien naghmel, li jien qieghed h**a u hekk"*[38] Ghaliex ma hemmx spjegazzjoni ghal trapass ta' aktar minn saghtejn sabiex tenut kont tal-periklu li t-trabija kienet fih ma ssejhux qabel l-22.45 il-pulizija? Ghaliex jekk kien daqshekk inkwetat ghat-tarbija baqa jservi lill-imputata? Ghaliex kif jixhed is-surgent il-barmen qallu li Seguna

---

[31] Fol.67
[32] Fol.68
[33] Fol.99
[34] Fol.99-100
[35] Fol.97
[36] Fol.64
[37] Fol.65
[38] Fol.95

kienet xorbot 6 tazzi nbid fi tlett kwarti meta issa jirrizulta li Seguna kienet ilha fil-bar sa minn tal-inqas is-6pm (anzi Debono jghid li shabu qalulu kienet hemm mill-4.30pm[39])? Ghaliex skond PS419 gie infurmat minn Engelbert Debono *"li s-Sinjura Seguna kienet hadet madwar sitt (6) tazzzi nbid f'temp ta' tliet kwarti."*[40] meta quddiem il-Qorti jghid li kull ma serviha kienu tlett tazzi nbid fejn hi kienet hemm minn tal-inqas fis-6pm kif ukoll meta jixhed ghall-ahhar darba quddiem din il-Qorti kif preseduta jghid wahda jew tnejn [tazza/i].

Illi ghalkemm il-Qorti gja ghandha it-twegiba ghal dawn id-domandi kif ukoll ghall-raguni ghal inkonsistenzi riskontrati, ser tkun ferm kawta fil-kummenti taghha u tirrimarka biss li mhux moralment konvinta mill-veracita` tax-xhieda ta' Debono u bla ebda mod ma tista tqisha bhala wahda li hi *safe and satisfactory.* Hu ferm indikattiv kif minn bar shih ma gie prodott hadd izjed, la mill-istaff u lanqas mill-klijentela, sabiex jaghti d-deposizzjoni tieghu dwar fatt li kieku sehh bil-partikolaritajiet 'xokkanti' kif qed jinghad certament kien iqajjem certu kommozzjoni!!

Illi Engelbert Debono rega' ittella jixhed bhala xhud in difeza. Din id-darba jikkoregi ix-xhieda moghtija minnu aktar il-quddiem u jghid li ghalkemm kienet ilha tixrob minn xi 6pm nbid *"Le jiena tnejn jew wiehed ma niftakarx ezattament. Qorti: **Wiehed jew tnejn pero`. Xhud: Xi haga hekk**."*[41] Ix-xhud jerga jtenni li l-imputata bdiet tghajjat mieghu biex ma jindahalx, ma jsemmix li t-tarbija kienet issawtet izda jghid li l-imputata <u>*"bdiet tghajjat mat-tarbija l-hin kollu, bdiet tghajjat mieghi u jiena ovvjament ma stajtx niflah iktar allura ghalhekk qbadt u cempilt lill-Pulizija dak il-hin…."*</u>[42]Dwar l-parte leza filwaqt li meta kien xehed l-ewwel darba kien qal li *"Gieli ntqajt mieghu"*[43] u *"Le mhux nafu nitkellmu gieli rajtu jixrob hekk mill-wicc just from the sight…u ghadni ma nafux sal-gurnata tall-lum"*[44]din id-darba jghid li ma jafux u li qatt ma rah jew kellmu, [45] *"Le xejn qas immur inkellmu jew xi draba*

---

[39] *"qaluli li kienet ilha hemmhekk qabel iva kienet hemm qisu minn xi 4.30 ta wara nofsinhar, sad-disgha u nofs ta' filghaxija, l-<u>ghaxra kienu meta gara l-incident</u>. Kienu xi dak il-hin nahseb."* – fol.95. **Anke hawn ma jridx jintnesa li Debono jikkontradici lilu nnifsu ghaliex jghid li l-incident sehh qabel ma kien hemm il-securities li jibdew xoghol fid 9pm!** *"Xhud: ma kienx hemm securities ghax huma fid-disgha jibdew…Avukat: U allura t-trabija b'hekk qed tghidilna waqghet ghal habta tat-tmienja? Xhud: Xi <u>tmienja u nofs qisu</u>."*- fol.97

[40] Fol.18

[41] Fol.143

[42] Fol.142

[43] Fol.99

[44] Fol.99-100

[45] Fol.144

*hrigna."*[46] Kummenti ohra dwar l-attendibilita` ta' dan ix-xhud huma ghal kollox superfluwi.

Illi l-imputata ghazlet li tixhed u tenniet il-verzjoni moghtija aktar minn tlett snin u nofs qabel kemm mal-pulizija kif ukoll mas-*social worker* u cioe` li hi kienet harget ma binha biex tara l-*Christmas lights* u kull ma hadet kienet tazza nbid wahda. Tiftakar anke li din swiet €2.50. Issemmi li dahhlet gewwa fil-bar ghax persuna mill-istaff tal-bar infurmaha li kien ser jitwahhal large screen sabiex jaraw il-football u ghalhekk dahhlet,[47] *"kif spjegajtlek ic-choice tieghi ma kienx biex nidhol gewwa, huma caqalquni."*[48] Iddeskriviet b'dettal il-post li ghazlet fejn toqghod li kien bejn entraturi fejn l-baby kien fuq in-naha ta' gewwa u hi fuq in-naha ta' barra peress li kienet tpejjep. Tirrakonta dak li kienet ghaddejja minn zmien difficli minhabba mard fil-familja u l-fatt li kienet giet abbandunaata mill-partner taghha li anke zammha milli thalli Malta. Kienet qed tghix minn fuq is-*savings* ghaliex kien jinghatalha €120 minn missier il-partner taghha meta l-kera biss kienet ta' €250. *"My father sent me some money and I decided I'm going to go out that day, ha nohrog. U hrigt u ghamilt dawra biex nara l-Christmas lights, u it was the biggest mistake I ever made mid-dehra. Very intense trauma."*[49] Terga tikkonferma dak li dejjem tenniet li meta qammet biex tiehu tazza nbid ohra lahqet giet arrestata. Tixhed li kienet kuntenta bdiet tisma muzika li ghogbitha u *"bdejt niccaqlaq naqra, kont ilni wahdi gewwa xhur…..broke bla flus u intense trauma for being abandoned with a child, receiving sms from my ex that he is with Russians offizi bir-Russu,.."*[50]. Kienet anke qabdet it-tifel u bdiet tizfen bih u tiddikjara li l-gundalla kienet giet minhabba li s-sodda kienet mal-hajt u kien qed jipprova jqum *"No he was trying to get himself up…[probably] crawling"*[51](Originarjment meta mitkllma mil-pulzija ukoll kienet tenniet li t-tbengil seta gie kawzat ghax kien jahbat hu u jipprova jimxi fuq idejh u saqajh (crawling))[52] tghid ukoll li l-gurnata ta' qabel it-tifel li kien jorqod magha go *single bed* kien beda jipprova jqum *"u smajt blumm, u dik kienet il-gurnata ta' qabel."*[53] Dan mhux kontradett minn dak konstat minn Dr Ramon Scerri li xehed li l-gundalla kienet saret *"within a twenty four (24) hour period qisu"*.[54]

---

[46] Fol.145
[47] Fol.108
[48] Fol.110
[49] Fol.109
[50] Ibid.
[51] Fol.111
[52] Fol.11: "I cannot for that it could have resulyed from the crawling"
[53] Fol.112
[54] Fol.15

L-imputata tibqa ma tiftakarx li t-tarbija waqghet u tghid jekk dan sehh kien ghaliex ma kienitx issikat ic-cinegg tal-pushchair. Tatribwixxi l-fatt li ma tistax tiftakar x'gara dakinhar ghal stress li kienet ghaddejja minnu *"Because I was under a very emotional time…..Ma kilt xejn dakinhar u hadt tazza nbid."*[55] L-imputata meta regghet xehdet fuq ordni tal-qorti kif illum preseduta regghet ghal darba' ohra tenniet l-istess verzjoni fejn anke spjegat ghaliex il-verzjoni tgahha li hadet biss tazza nbid wahda ghandha titwemmen. Din kienet harget b'karta tal-€20 u xtrat Vodafone card tal-€5. Meta giet arrestata fil-portmoni taghha il-pulizja sabu €12.50.[56] Regghet spjegat kif kienet tghix bil-€120 li kien itiha missier l-ex partner taghha u b'dak li faddlet mill-impjieg taghha fejn wara li harget pregnant kienet waqfet tahdem. L-imputata nnegat li kienet fi stat ta' sokor u anke li t-tifel kien waqa *"It-tifel ma waqax"*.[57] Terga tispjega li l-gundalla kienet giet kawzata minhabba li hi u binha kienu jorqdu fuq *single bed* li genb minnhom kien mitfuh mal-hajt [biex it-tifel ma jaqax] u dan habat rasu ghax kien f'dak il-punt meta kien qed jipprova jzomm fuq saqajh u jikkrawlja. L-imputata tghid li lix-xhud Engelbert Debono hi qatt ma kelmitu u meta gabret lil binha dan kien minn fuq il-pushchair biex izzommu. Tghid li taf lil Debono peress li *"my ex partner Edward Briffa would hang around certain people and I believe he's one of them….hang around. They meet, they drink"*.[58] In kontro-ezami tikkonferma li qabel ma harget kient qed tissajjar u xorbot ftit *cooking wine* u li meta marret biex tixtri it-tieni tazza mill-bar intervenew il-pulizija. L-imputata tghid li meta dahhlet l-ghassa kien hemm minn irrimarka li kellha riha ta' xorb f'halqa *"Ghidtlu iva. I just had a glass of wine. That's it. So I was honest to the police."*[59]Fl-ahhar tax-xhieda taghha terga ghal darba ohra tkun deciza fir-risposta taghha u tinnega li t-tifel kien waqa' minn fuq banketta *"Qabel, qabel gew il-pulizija kien hdejja fil-push chair marbut go push chair. F'daqa wahda pumm. I'm dragged out of the shop."*[60]

Illi ghalhekk l-uniku xhud okulari ghar-rigward l-incident fejn kien involut it-tifel omissis kien biss Engelbert Debono li l-Qorti gja kellha okkazzjoni tesprimi it-thassib serju taghha dwar ix-xhieda minnu moghtija. Hija xhieda li bl-ebda mod ma tissodisfa l-grad rikjest mill-ligi sabiex l-ewwel

[55] Fol.113
[56] Fol.123
[57] Fol.129
[58] Fol.127
[59] Fol.130
[60] Fol.131

tlett akkuzi jigu sostanzjati. L-unika haga li jirrizulta indubbjament ippruvata hija kemm it-tifel kien mizmum tajjeb, indukkrat u ikkurat. Persuna ma tinbidilx mill-lejl ghan-nhar u ghalhekk jidher bic-cjar li hi, li kienet issegwi u trabbi lil binha b'ghozza u ghaqal, zgur ma kienitx ser tipperikola lil binha semplicement sabiex tkompli tiddeverti! Ghalhekk l-imputata qed tigi liberata minn kwalunkwe htija u piena dwar l-ewwel, it-tieni w t-tielet akkuzi.

Illi dwar it-tielet imputazzjoni ghandu jinghad ukoll li din hija dik li taqa' taht id-dispozizzjonijiet tal-artikoli 246 u 247 tal-Kodici Kriminali w cioe' r-reat ta' min ikun hati li abbanduna jew halla espost tifel/tifla ta' eta' ta' anqas minn seba' snin. L'**Antolisei** jghid hekk dwar l-abbandun ta' minuri, reat ai termini tal-artikolu 591 tal-***Codici Penale*** Taljan:[61]

> "C) L' << abbandono >> consiste nel lasciare la persona in balia di se stessa o di terzi che non siano in grado di provvedere adeguatamente alla sua custodia e cura, in modo che ne derive un pericolo per la vita o l'incoluminita` della persona medesima. L'art.591 non esige espressamente questo requisito, ma esso si desume in modo certo dallo scopo della incriminazione. …..
>
> D) Dato che come s'e` visto, abbandonare non significa semplicemente lasciare, ma << lasciare in una situazione di pericolo>> il dolo esige la coscienza del pericolo inerente all'abbandono stesso. Verificandosi tale condizioni non gioverebbe l'assunto di aver volute far luogo a un abbandono soltanti temporaneo."[62]

Illi fil-fehma ta' din il-Qorti ma jirrizultawx l-elementi materjali tar-reat in kwantu ma jirrizultax li kien hemm "abbandun" *ut sic* tat-tifel omissis. Il-Pulizija kif ukoll Debono xehdu li meta dahhlu fil-*bar* raw lit-tarbija fil-*pushchair* hdejn ommu. Di piu' kull xhud inkluz il-missier u n-nanntu xehdu li t-tifel kien ben ikkurat u l-omm kienet tiehu hsiebu kif jixraq. Fil-fehma ta' din il-Qorti lanqas ma jirrizulta l-element l-iehor alternattiv kostituttiv ta' dar-reat cioe' dak li wiehed ihalli espost/a tifel jew tifla ta' eta' t'anqas minn seba' snin.

Illi jibqa ghalhekk sabiex jigi determinat jekk jirrizultawx ppruvati z-zewg reati kontravvenzjonali. Dwar ir-raba imputazzjoni hemm ix-xhieda ukoll

---

[61] "**591. Abbandono di persone minori o incapaci.** Chiunque abbandona una persona minore degli anni quattordici, ovvero una persona incapace, per malattia di mente o di corpo, per vecchiaia, o per altra causa, di provvedere a se stessa, e della quale abbia la custodia o debba avere cura, è punito con la reclusione da sei mesi a cinque anni."

[62] Francesco Antolisei, Manuale di Diritto Penale parte Speciale, Vol.I, 11a Edizione, 1994,§21 pagina 117

tas-Surgent 419 Buttigieg li jesprimi dak li mhu xejn ghajr l-opinjoni tieghu li wasal ghall-konkluzzjoni li l-imputata kienet xurbana minhabba li xamm riha ta' xorb fuqha. Mhux eskluz li s-surgent ifforma din l-opinjoni minhabba dak li kien qallu Engelbert Debono, liema verzjoni meta rega xehed quddiem din il-Qorti, inbiddlet drastikament! Kien hu li kien qal lis-surgent li l-imputata kienet xorbot mas-6 tazzi nbid fi tlett kwarti (wara Debono jghid li kienet xorbot minn wahda sa tnejn!). Is-surgent jghid li hu wasal ghal dik il-konkluzzjoni ghaliex l-imputata kienet qed tlaqlaq hafna u ma kienitx qed titkellem cjar.[63]PC688 ukoll jesprimi l-istess hsibijiet u jghid li kellha riha ta' xorb u kliemha *"ma jinfthiemx, ilaqlaq"*[64]

Illi bid-dovut rispett l-ebda minn dawn l-ufficjali ma hu espert in materja. Kif intqal dawn kienu hadu l-verzjoni ta' Engelbert Debono u ma kellhomx ghalfejn jiddubitawha. L-imputata kienet persuna li kienet ghaddejja minn esperjenza xejn sabiha li hi tiddeskriviha bhala wahda trawmatika, mimlija stress. Kienet harget wara hafna biex forsi tinsa id-dwejjaq li kienet qed tiffacja u f'hin bla waqt spiccat f'idejn il-pulizja, arrestata u mcahhda minn binha minghajr ma kienet taf fejn it-tarbija taghha kien ser jittiehed; skond is-Surgent hasbet li ser jittiehed ghal ghand il-missier. Kwalunkwe omm li tghozz lit-tarbija taghha kienet ser tirrejagixxi b'mod li jmur lil hinn minn normalita` meta tigi mcahha minnha; sitwazzjoni fejn l-ansjeta' indubbjament tahkimha u ftit tippermettilha tibqa' komposta u koerenti!

Illi ghalkemm il-Qorti ma tara xejn censurabbli fl-agir tal-Pulizija, anzi tfahhar it-tempestivita` li rrejagixxew biha u s-serjeta` li wrew rinfaccjati b'akkuzi serji bhal dawk li gew rrapurtati lilhom, ma jnaqqas xejn mill-fatt li dan l-incident kien bizzejjed sabiex anke fuq persuna li ma kienitx taht stress diga bhal ma jirrizulta kienet l-imputata, jikkawzaw reazzjoni simili. Fil-fehma tal-Qorti, mhux eskluz li l-imputata setghet kienet *tipsy* kif hi stess tammetti. Izda dak li sehh wara zgur ma ghenx sabiex hi tibqa kalma, komposta u artikolata!

Illi din il-Qorti kellha okkazzjoni tisma ghal hafna hin l-imputata tixhed u hi stess tista' tikkonstata kemm anke quddiemha l-imputata kienet mimlija anzjeta` u f'xi hinijiet ikkomportat ruhha anke f'manjiera li urtat lill-istess Qorti. F'dan il-kaz kien hemm mumenti fejn anke il-Qorti sabitha difficli tifhem dak li riedet tghid l-imputata li tul ix-xhieda taghha li ma kienitx

[63] Fol.18
[64] Fol.42

wahda fil-qosor, din baqghet ferm *fidgety* u hafna drabi l-Qorti ghamlet sforz kbir biex tifhem dak li kienet qed tghid. L-imputata kienet ilha ghodwa tistenna sakemm issejjhet il-kawza taghha, u fl-awla zgur li ma kienitx f'xi stat ta' sokkor! Ghaldqstant ma jistax jinghad li l-kontravvenzjoni prevista bl-artikolu 338(ff) tal-Kodici Kriminali giet soddisfacentement ppruvata u konsegwentement qed tigi liberata minn kull htija u piena fir-rigward anke tar-raba imputazzjoni.

Illi ma hemmx dubbju izda li l-hames imputazzjoni tirrizulta soddisfacenetment ppruvata u dan jirrizulta mix-xhieda ta PS 419 Buttigieg li jghid li l-imputata bdiet tidghi u twerzaq kull darba li beda jissemma l-partner taghha.[65]

Illi rigward il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni li dan il-kaz jirrisali ghal 2011. Ikkunsidrat ukoll il-fedina penali netta tal-imputata. Ma setghetx l-Qorti ma tiehux kont ukoll tac-cirkostanzi kollha tal-kaz fejn dan ir-reat twettaq fl-isfond ta' perjodu xejn sabih ghall-imputata izda madanakollu din l-omm ma hallietx li d-diffikultajiet tal-hajja jimpingu fuq il-kura u t-trobbija felici ta' binha.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti, wara li rat l-artikoli 7(2) u 338(bb) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta, filwaqt li ssib lill-imputat hatja tal-hames imputazzjoni qed twiddeb lill-imputata filwaqt li tilliberaha mill-imputazzjonijiet l-ohra kollha fuq mankanza ta' provi.

**Dr Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law).**
**Magistrat**

[65] Fol.18